**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kompilazzjoni Numru: 487/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs.**

**Idris Yahya**

**Illum, is-17 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat illi tressaq b'arrest **Idris Yahya**, ta' 31 sena, imwieled is-Sudan nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994), mingħajr indirizz, detentur ta' karta tal-identità numru 9003078A.

*Akkużat talli fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00) u/jew f'ħinijiet oħra qabel jew wara, ġewwa Triq il-Kappuċċini, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:*

*1. Ikkommetta serq ta' mobile għad-detriment ta' Jason Farrugia u/jew persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37); (Artikolu 261(ċ)(e), 264(1), 269(ċ)(g), 278(2), 279(a), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Il-Qorti hija mitluba li titratta ma' Idris Yahya bħala persuna reċidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Jason Farrugia u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.*

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2025 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

Rat illi l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[2]

[1] Folio 2-4 tal-atti proċesswali
[2] Dok. ES2, Folio 8 tal-atti proċesswali

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2025 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja.[3]

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2025, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat minn jeddu irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa lura minnha.[4]

Rat illi l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.[5]

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li issibu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi m'hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 31 ta' Mejju 2025.[6]

Rat id-dokumenti kollha ippreżentati.

---

[3] Folio 14 tal-atti proċesswali
[4] Folio 14 tal-atti proċesswali
[5] Folio 2-4 tal-atti proċesswali
[6] Dok. ES7, Folio 19 tal-atti proċesswali

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2025.[7]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[8]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat li fid-19 ta' Mejju 2025 f'xi ħin bejn l-16:00HRS u l-17:00HRS huwa ikkommetta r-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok meta seraq *mobile*. L-imputat qed jiġi akkużat ukoll illi huwa irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju 2025, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[9]

[7] Folio 29-31 tal-atti proċesswali
[8] Folio 15-16 tal-atti proċesswali
[9] Folio 14 tal-atti proċesswali

Illi għal finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sal-31 ta' Mejju 2025.[10] Mill-fedina penali jirriżulta kundanna waħda.

2. L-imputat ammetta fl-ewwel okkażjoni li seta' u fl-aktar stadju bikri.[11]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[12] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

   *"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[13]

---

[10] Dok. ES7, Folio 19 tal-atti proċesswali
[11] Folio 14 tal-atti proċesswali
[12] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005
[13] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. Illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija mingħajr ma ipprova ikun evażiv. Huwa wieġeb għal kull mistoqsija li saritlu waqt l-istqarrija u għażel li jiffirmaha. L-imputat ammetta waqt l-istqarrija u wera' rimors ta' dak illi kien għamel.[14]

7. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab akkużat bih l-imputat fejn is-serq huwa ikkwalifikat bil-lok (Art. 269(ċ)(g), Kap. 9) u bil-valur (Art. 279(a), Kap. 9). Illi skond l-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tali reat iġorr miegħu piena ta' priġunerija minn ħames (5) xhur sa tliet (3) snin.

8. Illi skond l-Artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali meta r-reat ta' serq ikun ikkwalifikat bil-valur akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux bil-vjolenza jew bil-mezz, il-piena stabbilita taħt l-Artikolu 279(a) m'għandhiex tingħata fil-minimu.

9. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-Qorti tara li l-imputat huwa ikkunsidrat reċidiv skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk il-Qorti fil-komputazzjoni tal-piena tista' iżżid l-istess bi grad wieħed.

10. Illi l-Prosekuzzjoni issottomettiet illi tenut kont l-ammissjoni bikrija u in konsiderazzjoni tal-addebitu tar-reċidiva l-imputat għandu jingħata piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' disgħa (9) xhur. Il-

[14] Dok. ES5, Folio 9-11 tal-atti proċesswali

Prosekuzzjoni issottomettiet illi tali piena ġiet maqbula mad-Difiża. Saħqet ukoll illi għandu ikun hemm ordni ta' kumpens favur id-derubat.

11. Illi d-Difiża ikkonfermat li intlaħaq qbil mal-Prosekuzzjoni in kwantu tal-piena li għandha tiġi erogata.

12. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

"*(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*".

14. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi iħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li ikun għamel.

15. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

"*Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop*

*ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati w għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena".*[15]

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi m'għandhiex alternattiva għajr li tippronunzja piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 49, 50, 261(ċ)(e), 264(1), 269(ċ)(g), 278(2), 279(a), 280(1), 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil **Idris Yahya** fuq ammissjoni tiegħu stess **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah terminu ta' priġunerija ta' **disgħa (9) xhur** li minnhom ghandhom jitqassmu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15A u 28H(2) tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati iħallas u jirrifondi fi żmien **sitt (6) xhur** mil-lum is-somma ta' erba' mija u ħamsin Ewro (**€450**) lil Jason Farrugia. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għal finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika dak li jipprovdi l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[15] **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28/11/2006

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum, nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**